MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 18/2004

**Il-Pulizija**

vs

**Roderick Debattista**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Roderick Debattista talli fit-30 ta' Dicembru, 1997 gewwa Triq it-Torri Sliema,

(a) waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAC-056 tal-marka Ford, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Elizabeth Smith u Hubert Smith ta' nazzjonalita' Ingliza, kif iccertifikaw Dr. A.

Micallef M.D. u Dr. J. Borg M.D. rispettivament tal-Isptar San Luqa, liema offizi gravi gabu marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien, izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu;

(b) fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura GAC-056 tal-marka Ford, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Elizabeth Smith u Hubert Smith, kif iccertifikaw Dr. A. Micallef M.D. u Dr. J. Borg M.D. tal-Isptar San Luqa;

(e) fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura GAC- 056 u kien riesaq lejn post ta' qsim u cioe' post fit-triq immarkat b'linji bojod paralleli jew bi studs matul il-wisa' tal-istess triq, jew b'sinjali ohra li juri post ta' qsim, ghall-uzu ta' nies bil-pass, naqas li jimxi bil--mod u jekk kien hemm bzonn, jieqaf, biex ihalli lil Elizabeth u Hubert Smith u nies ohra bil-pass li kienu qed juzaw dak il-post ta' qsim;

(d) fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, saq vettura GAC-056 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

(e) fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq vettura GAC-056 b'giri aktar milli jmissu.

I1-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Roderick Debattista jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan jew jigi skwalifikat milli jottjeni licenzja tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Jannar 2004 li permezz taghha, filwaqt li lliberat lill-istess Roderick Debattista mill-ewwel u mit-tieni imputazzjonijiet in kwantu jirrigwardaw lil Hubert Smith u lliberatu wkoll mill-hames imputazzjoni, sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' Elizabeth Smith bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni, sabitu hati tat-tielet imputazzjoni kif ukoll ta' sewqan bla kont skond ir-raba' imputazzjoni u

kkundannatu ghal multa ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzi tas-sewqan ghal zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Roderick Debattista minnu pprezentat fit-23 ta' Jannar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza fuq imsemmija moghtija mill-Ewwel Qorti billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellant mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fil-konfront ta' Hubert Smith u mill-hames imputazzjoni fuq imsemmija, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fil-konfront ta' Elizabeth Smith kif ukoll tat-tielet u raba' imputazzjonijiet fuq imsemmija u infliggiet ta' daqshekk il-multa komplessiva fuq imsemmija ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) kif ukoll issospendietlu l-licenza tas-sewqan ghal zmien tliet xhur, u minflok tillibera lill-appellant mill-istess imputazzjonijiet u minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza, kompriza r-relazzjoni ta' l-espert legali l-Avukat Dottor Vincent Galea;

Rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:
L-incident li fuqu huma bazati l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant gara fit-30 ta' Dicembru 1997 ghall-habta tal-11:30 a.m. go Triq it-Torri, Sliema. F'dan l-incident Elizabeth Smith u Hubert Smith sfaw imtajrin minn vettura GAC-056 misjuqa mill-appellant. Dan kien qabez *ix-showroom* ta' Joinwell u kien qieghed isuq fid-direzzjoni ta' Ghar id-Dud. Fil-mument ta' l-incident il-konjugi Smith kienu qeghdin jaqsmu *zebra crossing* u b'konsegwenza ta' l-istess incident Elizabeth Smith sofriet offizi ta' natura gravi *per durata.*

L-aggravju ta' l-appellant hu bazikament li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi. Ighid li filwaqt li huwa dejjem ammetta li kien laqat lill-konjugi Smith, mhuwiex minnu li kien qieghed isuq bla kont jew b'mod

perikoluz jew b'giri aktar milli jmissu. Fl-ebda mument qabel ma sehh l-incident ma deliberatament ha xi riskji fis-sewqan tieghu jew kien indifferenti ghar-riskji li s-sewqan tieghu seta' jgib lil terzi. Ghall-kuntrarju, kif anke xehed quddiem l-espert legali, kien qieghed isuq bil-mod u kien qieghed joqghod aktar attent mis-soltu peress illi kien qed jinkwieta li johorgu xi tfal mill-karreggata opposta fejn it-traffiku kien wieqaf. Pero' jammetti li jista' jaghti l-kaz li, bhala rizultat taz-zelu zejjed li kellu ghar-rigward tan-nies li kienu qed jaqsmu min-naha l-ohra tat-triq, huwa ttraskura li jaccerta ruhu li hadd ma kien qieghed jaqsam quddiem il-karreggata tieghu stess.

Issa minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li l-appellant ma nstabx hati ta' sewqan perikoluz u lanqas li saq b'giri aktar milli jmissu, izda ta' sewqan bla kont peress li meta *'sewwieq qed javvicina pedestrian crossing u jonqos li jnaqqas jew addirittura jieqaf dan imur oltre sewqan traskurat, u* [dan] *in linea ma' dak li qalet il-Qorti ta' /-Appell fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Alfred Mifsud (06.05.9* 7)".

Fil-kawza citata mill-ewwel Qorti, u cioe' l-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

***"Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi 1-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain,** Appell Kriminali, 21/5/96)".*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. **Krim. Pul. vs Charles Bartolo,**14.3.59, **Pol. vs Wilson [Vol.** XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs Alfred Vella** [Vol. XLIV, **p.** 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. **Krim. Pul. vs Hardingham,** 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness'*
*(App. Krim. **Pul. vs Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. **Pul. vs Joseph Aquilina,** 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs Antonio Spiteri** [Vol. XLIV iv. 892])"..*

Fix-xiehda li ta l-appellant quddiem l-espert legali qal li dakinhar ta' l-incident it-traffiku fuq in-naha tieghu kien miexi bil-mod filwaqt li t-traffiku fuq il-karreggata opposta kien wieqaf. Hafna nies bdew jiehdu l-opportunita' li jaqsmu t-triq minn bejn il-karozzi, anke mhux fuq *iz-zebra*

*crossing.* Hu kien miexi bil-mod fuq *il-first gear* b'tul ta' karozza bejnu u l-karozza ta' quddiemu. Il-karozza ta' quddiemu ghaddiet *iz-zebra crossing* u hu kompla jsuq bil-mod specjalment minhabba l-fatt li ried joqghod iktar attent peress li ma riedx li johorgu xi tfal minn fuq in-naha tal-lemin. Il-bankina fuq ix-xellug tieghu kienet mimlija nies. Kif qabad il-linji *taz-zebra crossing* harget mara minn wara *l-pole* u ezatt warajha kien hemm ragel. Hu laqathom bin-naha tax-xellug fuq quddiem tal-karozza, cioe' bejn il-fanal u l-arma. L-appellant qal ukoll fix-xiehda tieghu li ma kien ra lil hadd jistenna biex jaqsam minn fuq *iz-zebra crossing.* Kif rahom ghallarrieda quddiemu kesah u ghafas *il-brake* minnufih u l-karozza waqfet immedjatament. Kienu lehqu ghamlu forsi zewg passi u r-ragel pass wara martu. Huwa sostna li qabdu u qasmu u ma rahomx iharsu; rahom jinzlu u jibqghu sejrin.

Din il-Qorti hi soddisfatta, bhalma kienet l-ewwel Qorti, li l-appellant ma kienx qieghed isuq b'mod perikoluz u ma kienx qieghed isuq b'velocita' aktar milli jmissu ghal lokalita' u tenut kont tal-fatturi ambjentali tal-mument. Izda minn ezami tal-provi kollha m'hemm l-ebda dubju li huwa ma jistax jezimi ruhu minn kull responsabbilita'. Dak li jrid jigi determinat effettivament huwa jekk is-sewqan tieghu jistax jigi kklassifikat bhala sewqan bla kont, kif sostniet l-ewwel Qorti, jew bhala sewqan traskurat, kif kien issottometta l-espert legali.

Fix-xiehda taghhom, il-konjugi Smith stess jikkonfermaw li t-traffiku kien miexi bil-mod. Anke l-fatt li l-karozza ta' l-appellant ma hallietx *brake-marks* u l-fatt li waqfet, kif jirrizulta mill-iskizz esebit (a fol. 64), proprju fuq *iz-zebra crossing* huma evidenza ta' *speed* baxx hafna. Mill-banda l-ohra, il-fatt li, kif xehed l-appellant stess, *"rahom ghallarrieda quddiemu",* fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jista' jfisser hiss li l-appellant ma kienx qieghed izomm *a proper lookout.* Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija** vs **Noel Gauci** deciz fil-25 ta' Marzu 2004:

*"Gie appropositu ritenut li 'hu dover ta' driver <u>to see what is in plain view</u>' (Appell Kriminali:* ***Il -Pulizija vs Joseph***

***Vella** [10.8.1963] u li 'min  ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm <u>a proper lookout</u>' (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17.6.1961]). Illi fi **Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:*

*'Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead - **it includes awareness of what is happening in one's  immediate vicinity.  A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well'** (enfasi tal-Qorti)".*.

Kieku l-appellant kien qieghed izomm *a proper lookout,* zgur li f'xi hin l-appellant kien jara lill-konjugi Smith 'il quddiem minnu, jew fuq il-bankina lesti biex jaqsmu, jew ser jinzlu minn fuq il-bankina, jew sahansitra bdew jaqsmu. Il-konjugi Smith kienu koppja anzjana, il-mara addirittura tuza l-bastun. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax timmagina li l-moviment taghhom li jibdew jaqsmu kien wiehed rapidu. Hubert Smith effettivament xehed li martu *"has to be very careful going off the pavement. My wife took some time in getting down from the pavement. She can manage on her own, but I helped her down from the pavement".* Dan ma kienx jaghmilha possibbli li Elizabeth Smith tasal fil-post fit-triq fejn intlaqtet mill-vettura f'hakka t'ghajn (anke jekk kienu biss zewg passi kif sostna l-appellant). Jekk kien hemm vettura ohra quddiemu li lehqet ghaddiet *iz-zebra crossing,* jekk kien qieghed attent li ma jaqbdux u johorgu xi tfal min-naha tal-lemin tieghu minn wara l-karozzi weqfin, jekk il-bankina fuq ix-xellug tieghu kienet mimlija nies - dan  kollu ma jnaqqas xejn mill-obbligu li kellu li jzomm *a proper lookout* u josserva <u>anke</u> jekk kienx hemm min kien se jaqsam min-nnha tax-xellug tieghu u allura minn fuq *iz-zebra crossing* li kien qieghed javvicina, b'mod li allura jkompli jirrallenta u jieqaf tempestivament.

U anke jekk il-vittmi setghu wrew xi negligenza meta qasmu (Hubert Smith xehed: *"Before we moved down we had already looked but we did not try to look again to see*

*if there was any traffic"),* dan xorta ma jezonerax lill-appellant mir-responsabbilta' tieghu ghall-incident peress li, kif gie ritenut mill-Qrati taghna, in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru[1].

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk u fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' kif sehh l-incident, din il-Qorti hija tal-fehma li s-sewqan ta' l-appellant seta' biss jigi kklassifikat bhala sewqan traskurat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellant mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fil-konfront ta' Hubert Smith u mill-hames imputazzjoni, tikkonfermaha wkoll in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet fil-konfront ta' Elizabeth Smith bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel kif ukoll in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' sewqan bla kont taht ir-raba' imputazzjoni u minflok issibu hati li saq il-vettura *GAC-056* b'manjiera traskurata taht l-istess imputazzjoni, u dan bl-assorbiment tat-tielet imputazzjoni fir-raba' u ta' din l-imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' Lm500 u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzi tas-sewqan ghal zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200) u tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal perijodu ta' xahrejn, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

[1] **Ara, fost ohrajn, Appelli Kriniinali: Il-Pulizija vs Rev. Carmelo Mifsud,** *5 Sett*embru 1953 **(Vol. XXXVII.iv.1 131); Il-Pulizija vs Paul Vassallo, 2 ta** Ottubru **1954 (Vol. XXXVIII.iv.883); Il-Pulizija vs Joseph Muscat, 10 ta' Gunju 1994 (Vol. LXXVIII.v.267); Il-Pulizija vs Stephen Zammit, 10 ta' Lulju 2002; Il-Pulizija vs Noel Gauci, 25 ta' Marzu 2004.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------